MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 523/2005/1

**Sullivan Maritime Limited (C-20340)**

**vs**

**Asset Investments Ltd (C-15519)**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm851.56), u dana peress illi s-socjeta` attrici tat servizzi lis-socjeta` konvenuta u hija debitrici fl-ammont imsemmi, u ghalkemm interpellata s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm851.56).
Bl-imghax mis-26 ta' Frar, 2004 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Frar, 2005.

Ra r-risposta prezentata fl-4 ta' April, 2005, fejn intqal:
i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.
ii. Illi ghal fini ta' integrita` tal-gudizzju u tal-buon amministrazzjoni tal-gustizzja, ikun opportun li jigu kjamati in kawza s-socjeta` Portelli Brothers Limited u s-socjeta` Emmanuel Vella & Sons Limited.
iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz ma huwiex dovut kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.
iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` konvenuta sofriet danni b'rizultat ta' l-agir irresponsabbli u negligenti tas-socjeta` attrici.
v. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghaldaqstant huwa kkontestat.
vi. Illi huwa ghalhekk li s-socjeta` konvenuta qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt tal-kontro-talba.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Ra l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn intqal illi:
a. Peress illi s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti sofriet danni ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm239.13) jew somma ohra verjuri li ma teccedix l-elf u hames mitt lira.
b. Peress illi ghal dawn id-danni sofferti hija unikament responsabbli s-socjeta` Sullivan Maritime Limited in konsegwenza ta' l-agir negligenti u irresponsabbli taghha.
Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti talbet lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata li tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm239.13) jew somma ohra verjuri hekk likwidata.
Bl-imghax mit-22 ta' Jannar, 2004 u bl-ispejjez.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fis-27 ta' April, 2005, fejn intqal :

i. Illi fl-ewwel lok il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta hija preskritta bit-terminu annwali ai termini tal-Hague Rules.

ii. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta` attrici Sullivan Maritime Limited proprio ma kienetx responsabbli b'ebda mod ghall-eventwali danni reklamati mis-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha, stante illi s-socjeta` Sullivan Maritime Limited ma agixxietx b'mod irresponsabbli u negligenti kif allegat mis-socjeta` konvenuta, izda qdiet l-obbligi taghha diligentement.

iii. Ghaldaqstant il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda ta' Sebastian Dalli, Manuel Portelli, Jonathan Mallia, Joseph Portelli Mario Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata.

Ra d-digriet tas-27 t'April, 2005 li fi hit-Tribunal cahad it-talba ghall-kjamata in kawza.

Ikkunsidra:

1. F'dan il-kaz is-socjeta` attrici qed titlob hlas ghall-servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta. Da parti taghha s-sockjeta` konevnuta qed tghid li ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, u talbet li jigu kjamati in kawza is-socjetajiet Portelli Brothers Limited u Emmanuel vella & Sons Ltd., apparti li qed tghid li s-socjeta` attrici kienet negligenti fis-servizzi li pprestat. Dwar it-talba ghall-kjamati in kawza din giet michuda b'digriet tas-27 t'April, 2005.

2. Is-socjeta` konvenuta ghamlet kontro-talba ghad-danni li sofriet minhabba ix-xoghol negligenti da parti tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici qed teccepixxi li tali

azzjoni hi preskritta bit-trapass ta' sena u dana skond il-Hague Rules. Apparti minn dan qed tghid li ma kienetx negligenti.

3. Jirrizulta li kien hemm irkant fl-Olanda bejn l-4 u l-5 ta' Dicembru, 2003, u s-socjeta` konvenuta akkwistat diversi merci, Jirrizulta li originarjament kien hemm arrangament ma' Portelli Brothers Limited li din il-merci tingarr f'box trailer ta' Portelli Brothers, fis-sens li s-socjeta` konvenuta staqsiet li l-merci tingarr ma' ta' Portelli Borthers. Dana wahdu ma jfissirx li s-socjeta` konvenuta ma kelliex relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

4. Jirrizulta li fil-fatt il-box trailer gie Malta minghajr l-imsemmija merci tas-socjeta` konvenuta, u s-socjeta` konvenuta giet infurmata dwar dan mill-istess Portelli Brothers Limited. Dana huwa konfermat minn Joseph Portelli wiehed mis-sidien ta' Portelli Brothers Limited.

5. Jirrizulta mix-xhieda ta' Sebastian Dalli, Direttur tas-socjeta` konvenuta, li s-socjeta` konvenuta ma hallsitx tal-garr tal-affarijiet da parti tas-socjeta` attrici.

6. Jirrizulta ukoll li s-socjeta` attrici baghtet invoice lis-socjeta` konvenuta Dok.JMA1, kif ukoll statements regolari, Dok.JMA6 sa JMA15, u ittra legali datata 7 ta' Frar, 2005. Jirrizulta li ghal dawn is-socjeta` attrici ma rceviet ebda risposta minghand is-socjeta` konvenuta. Dana ikompli jsahhah it-tezi li r-relzzjoni guridika fil-fatt kienet bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.

7. In sostenn ta' dan ukoll, jirrizulta wkoll li kienet intbaghtet credit note datata 24 ta' Frar, 2004 Dok.JMA5, mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u dana ukoll kif konfermat minn Jonathan Mallia, Credit Controller tas-socjeta` attrici.

8. Jirrizulta wkoll, skond ma xehed Mario Mallia, Customs Clearance Clerk ma' Emmanuel Vella & Sons Ltd., li l-ittra Dok.JMA2, dwar li s-socjeta` konvenuta kienet ser tinkorri spejjez peress li l-merci ma kienetx ghada ingarret, kienet intbaghtet lill-istess Mario Mallia minghad is-socjeta` konevnuta.

9. Fejn hemm certu ragun ghall-ilment tas-socjeta` konvenuta huwa dwar il-fatt illi kieku l-merci giet ma' dik tas-socjeta` Portelli Brothers Limited, l-ispejjez tal-garr kienu ikunu anqas, fis-sens li ma kienux jehlu spejjez ta'

magazzinagg. Pero` ma jirrizultax li ghal dan in-nuqqas kienet responsabbli b'xi mod is-socjeta` attrici.

10. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta` attrici ma ghandiex tinkorri danni ghall kwalunkwe ftehim li setgha sar ma' terzi, li b'konsegwenza tieghu l-istess socjeta` konvenuta baghtiet spejjez ta' magazzinagg. Is-socjeta` attrici kienet inkarigata li ggorr il-merci tas-socjeta` konvenuta u hekk ghamlet, u ma jirrizulta ebda nuqqas fir-rigward. Anzi jirrizulta li s-socjeta` attrici baqghet tigri wara s-socjeta` konvenuta sabiex tiehu hsieb li l-merci tingarr.

11. Ghandu jinghad ukoll li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Hague Rules sollevata dwar il-kontro-talba ma hix sostenibbli u ma tapplikax ghall kaz in ezami.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad il-prescrizzjoni dwar li l-kontro-talba hi preskritta a tenur tal-Hague Rules, pero` qed jichad il-kontro-talba salv u impregudikat kull dritt tal-istess socjeta` konvenuta kontra terzi, u qed jilqa t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm851.56), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta' Frar, 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-7 ta' Frar, 2005, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha u tad-digriet tas-27 ta' April 2005 li bih it-Tribunal cahad it-talba taghha ghas-sejha fil-gudizzju ta' kumpaniji terzi;

Sintetikament, l-ilmenti minnha sottomessi huma s-segwenti:-

(1) Skond ir-rizultanzi processwali rrizulta li l-merkanzija ma ngiebetx ma' l-ewwel vjagg u in konsegwenza hi soffriet spejjez addizzjonali ta' magazzinagg. Konsegwentement, it-Tribunal ma kellux jichad il-kontro-talba taghha;

(2) It-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni minnha mqanqla ta' l-inezistenza ta' relazzjoni guridika bejnha u s-socjeta` attrici;

(3) It-Tribunal ukoll ghamel applikazzjoni errata tal-ligi meta kkundannaha thallas is-somma reklamata mis-socjeta` attrici. Dan, is-socjeta` appellanti tirpozah fuq l-assunt illi t-Tribunal ma kellux jistrieh fuq id-dokumenti emessi mis-socjeta` attrici in kwantu dawn ma jispjegawx ic-cirkostanzi l-ghala kellu jigi esegwit it-tieni vjagg;

Is-socjeta` attrici minn naha taghha oltre li tirribatti dawn l-aggravji tissolleva, imbaghad, hi stess permezz ta' appell incidentali l-aggravju illi t-Tribunal kien guridikament zbaljat meta irrespinga l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta;

Ghal dawk li huma l-fatti ewlenin tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta` attrici, agenta lokali tal-Grimaldi Line, gabet Malta minn Antwerp fl-Olanda, merkanzija destinata lis-socjeta` konvenuta. It-trasport sar permezz ta' polza tal-kariku esebita a fol. 19 tal-process. Is-socjeta` konvenuta, permezz tar-rapprezentant taghha Sebastian Dalli (ara deposizzjoni tieghu a fol. 15), taccetta illi hi ma hallsetx l-ispejjez relattivi tal-garr. Dan ghaliex kif sostenut minnha hi kellha ftehim ma' Portelli Brothers Ltd illi dik il-merkanzija kellha tigi spedita flimkien ma' merce ohra ta' l-istess socjeta` Portelli Brothers Ltd mixtrija mill-istess irkant fl-Olanda. Huwa accettat minn Manwel Portelli, Shipping Operations Manager tas-socjeta` attrici, illi ghat-trasport tal-merkanzija mertu tal-*bill of lading* imsemmija l-kuntatt kien permezz tal-*forwarders* ossija l-burdnara tas-socjeta` konvenuta u cjoe, Emmanuel Vella & Sons Ltd. Ara xhieda tieghu a fol. 23. Dan hu hekk ikkonfermat ukoll minn Mario Vella, rapprezentant ta' din l-ahhar imsemmija socjeta` (fol. 51). Skond ix-xhud Joseph Portelli ghal Portelli Borthers Ltd (fol. 29) dan jghid li l-

ordni li ta lis-socjeta` attrici kien biex igorru l-affarijiet tas-socjeta` konvenuta flimkien ma' dawk tieghu;

Posta l-kwestjoni li l-kontendenti kkontrovertew dwarha, bi twegiba ghall-ewwel aggravju sollevat in mertu ghal kontro-talba michuda mit-Tribunal, huwa opportun li din il-Qorti taghmel is-segwenti riljievi:-

(1) Is-socjeta` appellanti tirrikjama l-attenzjoni ghad-dispost tar-Regolament 2 ta' l-Artikolu 3 tal-Hague Rules li hekk jiddisponi: "*Subject to the provisions of Article 4, the carrier shall properly and carefully load, handle, stow, carry, keep, care for, and discharge the goods carried*". Korrettement intiz, dan ir-regolament jimponi fuq ir-ricevitur l-oneru li jipprova li l-merce ma gietx ikkonsenjata lilu jew din giet fi stat danneggjat. Dan il-piz jghaddi mbaghad fuq il-vettural biex jipprova illi n-nuqqas ta' konsenja jew dik tal-hsara taqa' fl-ambitu ta' dawk l-immunitajiet ghall-iskagonar tar-responsabilita` prevvisti fl-Artikolu IV. Sta, imbaghad, ghar-ricevitur li jirribatti dik id-difiza billi jipprova li l-vettural kien negligenti. Fil-kaz in ispecje din il-Qorti ma tarax f' hiex jiccentra dan kollu in kwantu l-merkanzija tghabbiet, giet skarikata u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta. In kwantu jirrigwarda l-imsemmi provvediment hu allura immaterjali jekk il-merkanzija gietx ma' l-ewwel jew mat-tieni vjagg;

(2) Premess dan, u ankorke din il-Qorti kellha *gratia argomenti* tammetti l-proposizzjoni illi l-merkanzija kellha tingieb ma' l-ewwel vjagg flimkien mal-merkanzija ta' Portelli Brothers Ltd, ma tarax lanqas imbaghad kif tista' tilqa' l-kontro-talba ghall-hlas tad-danni. Huwa veru li jezisti l-fax a fol. 33 li permezz tieghu l-ispedizzjonjier Ritchie Bros. Auctioneers baghat javza lir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta illi din kienet passibbli ghall-ispejjez ta' magazzinagg minhabba ritard fl-intirar tal-merkanzija. B' danakollu, imbaghad, ma jirrizulta minn ebda xhieda jew dokument jew ricevuta in atti l-prova konvincenti li l-hlas ta' dawn l-ispejjez effettivament sar u gie sodisfatt. Kif risaput, minn jallega li sofra danni jew jallega l-hlas taghhom hu ghandu jipprova dan b' kull

mezz u ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta’ ricevuta jew prova ohra attendibbli ghandha tipprevali l-presunzjoni li dawk id-danni ma kienx hemm u li d-dejn taghhom ma thallasx. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**. Anke allura ghal din ir-raguni din il-Qorti ma ssibx raguni biex takkolji l-ewwel aggravju;

Fil-kaz tat-tieni aggravju x-xhud Sebastian Dalli ghas-socjeta` konvenuta jiddikjara illi r-relazzjoni tieghu kienet ma' Portelli Brothers Ltd riferibilment ghat-trasport tal-merkanzija tas-socjeta` tieghu (fol. 16) u li "fuq din il-kwestjoni Emanuel Vella and Sons Limited ma kellux x' jaqsmu" (fol. 17). Il-fatti pero` ma jsostnux din id-dikjarazzjoni. Jinsab mistqarr minn Mario Vella, Customs Clearing Clerk ta' Emanuel Vella and Sons Limited, illi s-socjeta` *de quo* kienet regolarment l-intermedjarja ghall-htigijiet tat-trasport. *Ex-concessis,* jiddikjara li "Asset Investments kienu nformawni b' dan il-kaz partikulari biex ninforma lis-*shipping agent* biex igibulu x-xoghol minn barra" (fol. 52). Kien dan ix-xhud infatti li ghadda lis-socjeta` attrici d-dokumenti a fol. 32 u fol. 33 li s-socjeta` konvenuta kienet irceviet minghand l-ispedizjonjier Ritchie Bros. Auctioneers;

Bla dubju l-kwadru li johrog minn din ix-xhieda u provi hi dik li l-ftehim tal-garr konkjuz minn Emmanuel Vella & Sons Ltd fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta sar fl-interess ta' din is-socjeta`. In kwantu tali, dan jipproduci effett dirett kontra s-socjeta` appellanti. Ir-rapport guridiku jiskaturixxi mit-tqeghid *in essere*, bl-operat tat-terz, ta' dan il-ftehim negozjali li sar mis-socjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd f' isem u fl-interess tar-rapprezentant taghha, fil-persuna tas-socjeta` konvenuta. Logikament l-element karetterjali hu dak tal-*contemplatio domini* ossija li s-socjeta` attrici kienet xjenti, u dan b' mod univoku, illi s-socjeta` intermedjarja Emmanuel Vella & Sons Ltd kienet qed tagixxi ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` appellanti. Hu dan ir-rapport interkjuz u din ix-xjenza li jikkrejaw ir-relazzjoni guridika, b' effett immedjat fil-konfront tal-

persuna rapprezentata, jigifieri s-socjeta` konvenuta. Anke allura dan it-tieni aggravju qed jitqies insostenibbli;

Fir-rigward tat-tielet aggravju jigi qabel xejn osservat illi s-socjeta` appellanti ma hijiex strettament qed tikkontesta l-kwantum reklamat imma qed tippretendi illi t-Tribunal messu ppresta attenzjoni lill-fatt illi kien tort tas-socjeta` attrici illi l-merkanzija ma gietx trasportata ma' l-ewwel vjagg. Ir-riljiev li taghmel il-Qorti f' dan il-kuntest hu dan. Is-socjeta` appellanti minn imkien ma ssuggeriet jew ippostulat illi kieku l-merkanzija ngarret ma' l-ewwel vjagg kienet thallas anqas mill-ammont effettivament mitlub fil-kaz tat-trasport *de quo*, minnha kwalifikat bhala "t-tieni vjagg". Jekk xejn hi kellha taghmel il-prova ghas-sostenn ta' l-eccezzjoni illi "l-ammont pretiz huwa eccessiv". Din il-prova hi baqghet ma ghamlithiex u allura din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tarax ghaliex it-Tribunal kellu jigi ccensurat li l-konkluzjoni tieghu kienet tiddifetta ghaliex dan qaghad fuq id-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici ghas-sostenn tat-talba taghha u ta' l-ammont reklamat minnha. La l-argument tas-socjeta` appellanti f' dan il-kuntest ma huwiex accettabbli, ugwalment anke dan it-tielet u l-ahhar ilment taghha hu destinat li jfalli;

Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni illi fil-kumpless tal-provi u tal-principji tad-dritt applikabbli t-Tribunal ghamel sew li cahad it-talba tas-socjeta` appellanti ghall-kjamata ta' terzi. Apparti li l-akkoljiment o meno tas-sejha f' kawza hi fakolta li taqa' fid-deskrizzjoni tat-tribunal jew qorti adita, din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi, ma tarax in-necessita` u s-siwi ghall-fattispeci tal-kaz prezenti tas-sejha mitluba;

Issa bl-appell incidentali taghha s-socjeta` attrici tissolleva l-kwestjoni illi t-Tribunal ma ghamelx sew li cahad l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni ghall-kontro-talba. Hi invece issostni illi kienu applikabbli kemm it-terminu estintiv prevvist bil-Hague Rules kif ukoll dak stabbilit bl-Artikolu 544 (e) tal-Kodici tal-Kummerc;

Issa t-terminu ta' sena ghall-proponiment ta' l-azzjoni prevvist kemm taht il-Hague Rules (Regolament 6 ta' l-Artikolu 3) kif ukoll fl-Artikolu 544 (e) tal-Kapitolu 13 huwa perijodu ta' dekadenza u ghandu abbinament dirett mal-"kunsinna tal-merkanzija" jew id-difett tal-kunsinna. Ghall-ahjar approfondiment ikkonsulta s-sentenza "**Francesco Saverio Pace *et nomine* -vs- Giuseppe Naudi *nomine***", Appell Inferjuri, 20 ta' Marzu 1917, "**Administrative Secretary tal-Gvern -vs- Edward G. Gatt *nomine et***", Appell Inferjuri, 27 ta' Novembru 1972 u s-sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re "**Express Trailers Limited -vs- HH Limited**", 11 ta' Jannar 2006;

Il-fatti tal-kaz in diskussjoni ma jirrientrawx taht ebda wahda mill-precitati disposizzjonijiet in kwantu hawn il-kunsinna tal-merkanzija saret regolarment u ghaddiet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. Aktar minn dan, il-kontro-talba, kif proposta, ma ghandha x' taqsam xejn mal-kunsinna o meno tal-merkanzija izda merament wahda ghad-danni minhabba allegat hlas ta' spejjez ta' magazzinagg ghal dewmien fil-garr tal-merkanzija. Jigi ghalhekk, anke in bazi ghall-gurisprudenza fuq enuncjata, illi l-appell incidentali huwa wiehed ghal kollox infondat u ser jigi michud.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi kemm l-appell principali tas-socjeta` konvenuta kif ukoll dak incidentali tas-socjeta` attrici u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Kull parti tbati l-ispejjez ta' l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------